# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 7 ta' Frar, 2019**

**Numru 4**

**Rikors numru 55/07JA**

**Gaetano Micallef**

**v.**

**Martha Micallef**

Preliminari

1. Dawn huma zewg appelli, wiehed principali maghmul mill-attur u l-iehor incidentali maghmul mill-konvenuta minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija fid-19 ta' Novembru 2015 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] li permezz taghha dik il-Qorti ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba inkompatibbilta` ta'

karattru u addetitat ¾ mit-tort[1] lill-attur u ¼ lill-konvenuta; fdat il-kura u kustodja tat-tifel minuri f'idejn il-konvenuta bid-dritt ta' access favur l-attur, ordnat li l-attur ihallas lill-konvenuta bhala manteniment ghaliha s-somma ta' €250 fix-xahar u somma ulterjuri ta' €150 ghall-manteniment tat-tifel minuri [li llum huwa maggjorenni izda jidher li ghadu jistudja]; u, illikwidat u assenjat il-komunjoni tal-akkwisti billi ordnat lill-attur ihallas lill-konvenuta is-somma ta' €42,349, u s-somom ulterjuri ta' €767.61 u €688.23 fi zmien xahar; kontijiet bankarji ohra kif ukoll, bonds, poloz ta' assikurazzjoni w investimenti ohra kollha f' Malta kemm f'isem il-partijiet wahedhom jew konguntivament ghandhom jinqasmu f'sehem indaqs bejniethom; tiddikjara l-proprjeta` bin-numru 56 'Margeat' Triq Guze' Borg, San Gwann, li kienet isservi bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet, hija proprjeta` parafernali tal-attur u kwindi huwa intitolat jghix esklussivament fiha.

Il-Fatti

2. Fis-succint il-fatti relevanti ghal dan l-appell huma s-segwenti. Il-partijiet izzewgu fit-28 ta' Ottubru 1989 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal li fid-data li fiha nghatat is-sentenza appellata wiehed biss minnhom kien ghadu minorenni. Matul il-konvivenza matrimonjali l-attur ghamel xoghol fid-dar ta' certu Chantelle Barbara u sussgwentement, anke

[1] Ghalkemm fid-decide tas-sentenza appellata ma hemmx imnizzel x' inhu t-tort li qed jigi attribwit lill-attur, fil-korp tas-sentenza taht l-intestatura "Tort" l-ewwel qorti osservat u ikkonkludiet li dan it-tort kien jikkostitwixxi "ingurji gravi skond il-ligi"

meta kien spicca jaghmel xoghol ghandha huwa baqa' f'kuntratt maghha minkejja li l-konvenuta kienet turih li ma kinitx kuntenta bis-sitwazzjoni. Rizultat ta' dan, ir-relazzjoni konjugali bejn il-partijiet bdiet tmur lura sa kemm fl-ahhar il-partijiet, b'talba da parti tal-attur u b'kontro talba da parti tal-konvenuta talbu li l-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejniethom, kif ukoll sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni. Minkejja dan, sallum il-partijiet ghadhom jghixu fl-istess fond, ghalkemm jorqdu fi kmamar separati.

Il-Mertu

3. Skond l-attur il-hajja matrimonjali tkissret irrimedjabbilment minhabba eccessi, sevizzi, adulterju, vjolenza fizika u morali, theddid u ingurji gravi da parti tal-konvenuta, kif ukoll minhabba inkompatibilita` ta' karattru. Minn naha taghha, il-konvenuta cahdet dak allegat fuqha mill-attur u fir-rikonvenzjoni taddebita l-htija tat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg lill-attur minhabba adulterju, mohqrija, theddid u offizi gravi kommessi mill-attur fil-konfront taghha u ta' uliedhom.

L-Appelli

4. L-Appell principali tal-attur huwa bbazat fuq tlett aggravji li jirrigwardaw [1] il-htija ghas-separazzjoni, [2] il-manteniment li hu gie ordnat ihallas lill-attrici u [3] il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti.

5. Abbazi ta' dawn l-aggravji huwa qed jitlob li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta kif ukoll it-talbiet rikonvenzjonali taghha, tilqa' t-talbiet tieghu; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

6. Min-naha taghha l-konvenuta qed titlob li l-appell tal-attur jigi michud ghar-ragunijiet indikati fir-risposta taghha; inoltre hija pprezentat appell incidentali bbazat fuq aggravju wiehed li jikkoncerna d-dritt li inghata lill-attur li jghix esklussivament fil-fond fuq indikat.

7. Ghaldaqstant il-konvenuta qed titlob ukoll li s-sentenza appellata tigi riformata billi din il-Qorti tiddikjara li d-dritt li l-attur jghix eskussivament fl-imsemmi fond *"ikun ezegwibbli malli l-attur ihallas lill-esponenti il-kreditu ta' €42,349 ordnat mill-ewwel Qorti u b'hekk tilqa' l-appell incidentali"* bl-ispejjez taz-zewg istanzi a kariku tal-attur.

Is-Sentenza Appellata

8. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> "Illi kif ġja' ngħad l-attur qed titlob is-separazzjoni mingħand martu l-konvenuta għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Saħansitra ġiet anke preżentata kontro-talba. Il-kawża naturalment kienet kontestata sew u l-Qorti setgħet tara li l-partijiet irrispondew lil xulxin diversi drabi dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' xulxin."

> "Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha li ż-żwieġ tkisser prinċipalment minħabba inkompatibilita' ċara ta' karattru u l-mod ħażin kif huma indirizzaw il-problemi li feġġew matul iż-żwieġ. Id-depożizzjonijiet ċitati jindikaw sewwa l-problemi li kellhom il-partijiet, l-aktar mill-aspett karatterjali tant li spiċċaw dejjem jiġġieldu b'mod aħrax. Il-Qorti jidhrilha li f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa evidenti li l-partijiet ma kienux addattati biex jgħixu flimkien.

> "Illi għaldaqstant il-Qorti tħoss li l-partijiet t-tnejn għat-tifrik taż-żwieġ u spiċċaw jgħixu ġo *'sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'.* (**"Caterina Agius vs Benedict Agius"** deċiża mill-Prim Awla fit-13 ta' Ġunju 1967).

> "Illi madankollu l-Qorti taqbel ukoll mal-perit legali li l-problemi fiż-żwieġ bejn il-partijiet komplew jikbru meta l-attur beda jiffrekwenta lill-persuna msemmija fir-relazzjoni peritali u għalhekk għalkemm kif irrelatat l-istess perit legali, ma hemmx prova konklussiva ta' adulterju, dan irendi lill-attur ċertament ħati ta' nġurji gravi skond il-liġi, u kwindi l-Qorti se taddossa tliet kwarti mit-tort lilu. Dan naturalment imbagħad ikun rifless fil-kap tal-ispejjeż.

> **"KURA U KUSTODJA**

> "Illi matul il-proċeduri l-konvenuta ġiet mogħtija l-kura u kustodja tal-minuri u ma jidhirx li hemm xi raġuni biex dan l-istat ta' fatt jinbidel. Issa baqa' biss iż-żgħir Lee li huwa minorenni u l-Qorti se tordna li d-digriet fir-rigward tiegħu jibqa' viġenti anke fejn jirrigwardja l-aċċess.

> **"MANTENIMENT**

"Illi għandu jingħad illi l-Qorti fl-istadju bikri tal-proċeduri ordnat il-ħlas ta' manteniment ta' mitt Euro (€100) fix-xahar għall-konvenuta, u mija u ħamsin Ewro (€150) fix-xahar għall-minuri. Il-Qorti ma jidhrilhiex li kien hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi li jwasslu għal bdil f'dan l-ammont ħlief għall-fatt li l-konvenuta jkollha tfittex post alternattiv fejn toqgħod ma' binha, u għalhekk se żżid l-ammont li għandu jitħallas għall-manteniment tagħha għal mitejn u ħamsin Ewro (€250); il-minuri għadu l-iskola u għalhekk dan il-ħlas ikun dovut sa kemm jagħaq 23 sena jew meta jibda jaħdem bi qliegħ, skond liema minnhom tiġi l-ewwel. Fil-fehma tal-Qorti ma jirriżultawx l-estremi biex tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet minn dan id-dritt skond l-artikoli 48 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili. Hemm biżżejjed provi pero' biex tilqa' t-talba fil-konfront tal-attur.

"**PROPRJETA'**

"**(Beni immobbli**)

"Illi d-dar matrimonjali hija l-unika immobbli illi ssemmiet fil-kawża iżda kif sewwa rrelatat il-perit legali din hija parafernali tal-attur għaliex akkwistaha fl-1984. Saru pero' benefikati fiż-żwieġ u kif jidher mir-rapport tal-A.I.C. Godwin Abela (li l-partijiet qablu fuq in-nomina tiegħu) dawn kienu jammontaw għal €84,698 u allura l-konvenuta għandha tirċievi mingħand l-attur nofs dan l-ammont, ossija **€42,349**.

"**(Beni mobbli)**

"Illi kwantu għall-beni immobbli l-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali, u ċjoe' illi:

*"Rigward il-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali, jirriżulta li l-maġġoranza tal-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali xtrathom il-konvenuta. Dan il-punt huwa maqbul miż-żewġ partijiet. Issir referenza għal punt 36 tal-affidavit tal-attur, u punt 112D tal-affidavit tal-konvenuta, kif spjegat preċedentement.*

*"Jirriżulta wkoll li hemm mobbli li huma parafernali fil-konfront taż-żewġ partjiet u dawn huma:*

"***<u>Mobbli parafernali tal-attur li jinsabu fid-dar matrimonjali</u>***

*Mera tas-senduq*
*Tlett putruni*
*Erba' inkwadri*
*Fanal antik*
*Stereo*

"*Hija l-umli fehma tal-Perit Legali li l-attur għandu jiġi assenjat dawn il-mobbli hawn premessi, stante li ma jirriżultax*

*kontestazzjoni bejn il-partijiet li dawn il-mobbli ma humiex parafernali tal-attur,*

"***<u>Mobbli parafernali tal-konvenuta li jinsabu fid-dar matrimonjali</u>***

*Il-kċina*
*Kamra tas-sodda ta' Desmond*
*Kompjuter li jużaw it-tfal*
*Is-sufan.*

"*Illi jiġi rilevat li l-konvenuta tagħmel referenza fl-affidavit tagħha (punt 112D) li "l-proprjeta parafernali tagħha tikkonsisti f'dak kollu li hemm illum-il ġurnata fid-dar matrimonjali" (għajr dawk speċifikati hawn fuq) iżda ma tipprovdix elenku dettaljat tal-konsistenza ta' din il-proprjeta'.*

"*Da parti tiegħu, l-attur fl-affidavit tiegħu, paragrafu 36, jispeċifika:*

*"oġġetti mobbli ħafna minnhom xtrathom hi. Kamra tas-sodda, spare bedroom u kamra tal-pranzu xtrathom hi qabel iż-żwieġ. Salott inxtara fiż-żwieġ, kif ukoll il-wall unit. Kċina konna neħħejniha li kellna u konna xtrajna oħra ġdida. L-oġġetti mobbli kollha nxtraw fiż-żwieġ.*

"*Għaldaqstant, in vista tad-dikjarazzjonijiet hawn premessi, l-konvenuta għandha tiġi assenjata l-kamra tas-sodda ta' Desmond, il-kompjuter li jużaw it-tfal, u l-kamra tal-pranzu."*

"**KONTIJIET BANKARJI U DJUN MAL-BANEK U ASSENJAZZJONI TA' VETTURI**

"Illi fir-rigward ta' dan il-Qorti wkoll fliet ir-rapport tal-perit legali u ma ssibx illi għandha żżid miegħu. Fil-fatt fl-istess rapport jingħad illi:

*"Mill-provi jirriżulta li hemm is-segwenti kontijiet mal-Bank of Valletta plc, u dawn huma s-segwenti:*

*"**Bank of Valletta 400-15346557** – kont intestat f'isem il-konvenuta*

"*Tlett kontijiet oħrajn, li huma tat-tfal, u li jinsabu f'isem il-konvenuta, dawn huma:*

"***Bank of Valletta 400-17204639** - Desmond Micallef*

"***Bank of Valletta Teen Savers 400-15701943** - Nathaniel Micallef*

"***Bank of Valletta Young Savers 400-14058668*** *–Lee Micallef*

"*Rigward il-kont Bank Of Valletta 400-17204639 f'isem Desmond Micallef u l-kont Bank Of Valletta Teen Savers 400-15701943 f'isem Nathaniel Micallef, stante li dawn il-kontijiet huma tat-tfal, u illum-il ġurnata Desmond u Nathaniel aħwa Micallef laħqu l-eta' maġġorenni, dawn il-kontijiet għandhom ikunu proprjeta' tal-istess Desmond u Nathaniel aħwa Micallef.*

"*Rigward il-kont Bank Of Valletta 400-15346557 intestat fuq il-konvenuta, u l-kont Bank Of Valletta Young Savers 400-14058668, għan-nom ta' Lee Micallef, dawn għandhom ikunu amministrati esklussivament mill-konvenuta.*

"*Mill-provi jirriżulta li l-partijiet għandhom is-segwenti dejn:*

"*HSBC Overdraft facility enumerata 042-082958-340(li qabel kien iġib in-numru 042-082958-001).*

"*HSBC Self kont numru 042-082958-300 – li kien ittieħed sabiex jinxtara truck Isuzu Elf 250 targat BBP-816 – liema truck inxtara fis-sena 2005.*

"*HSBC Self kont numru 35067515 – self li kien ħareġ f'isem l-attur qabel iż-żwieġ sabiex titlesta d-dar.*

"*Jirriżulta li rigward l-overdraft, meta nqala' l-nkwiet bejn il-partijiet, ma baqgħux isiru depożiti f'dan l-overdraft, u għalhekk il-bank HSBC ħa l-passi relattivi kontra l-partijiet, għall-ħlas tal-overdraft u għall-ħlas tas-self fuq it-truck.*

"*In segwitu għal proċeduri li ħa l-bank HSBC, jirriżulta li l-konvenuta tiddikjara fl-affidavit tagħha (punt 108) li hija kienet effetwat pagamenti anke bl-għajnuna tal-ġenituri tagħha, liema pagamenti jammontaw għal €2,911.69c (elfejn disa' mija u ħdax-il Ewro, u disgħa u sittin ċenteżmu). Dan il-pagament kumplessiv ġie maqsum hekk:*

"*€1,535.23 (elf, ħames mija u ħamsa u tletin Ewro, u tlieta u għoxrin ċenteżmu) għal kont tal-overdraft, u*

"*€1,376.46 (elf, tlett mija u sitta u sebgħin Ewro, u sitta u erbgħin ċenteżmu) għal kont tas-self tat-truck.*

"*Għalhekk, in vista tal-pagamenti li ġew amministrati mill-konvenuta rigwardanti dan is-self, jirriżulta li hija għandha kreditu fl-ammonti hawn stipulati. Għaldaqstant, il-Perit Legali hija tal-fehma li l-partijiet filwaqt li għandhom jiġu dikjarati li jħallsu l-ammonti attwali fuq il-kontijiet intestati mal-bank HSBC enumerati 042-082958-300 (overdraft) u 042-082958-300, il-*

*konvenuta għandha dritt għal kreditu fl-ammont ta' €767.61 (seba' mija u sebgħa u sittin Ewro, u wieħed u sittin ċenteżmu) kif ukoll l-ammont ta' €688.23 (sitt mija u tmienja u tmenin Ewro, u tlieta u għoxrin ċenteżmu) mingħand l-attur, rappreżentanti l-pagamenti li ġew amministrati mill-konvenuta.*

"*Jirriżulta li hemm żewġ vetturi fil-komunjoni tal-akkwisti, u dawn huma s-segwenti:*

"*Skoda Favorit Comfort targata AAM-076, li tiswa madwar €1,514 (elf, ħames mija u erbatax-il Ewro), li ma hemmx dejn fuqha, u*

"*Vann Isuzu (Truck) targat BBP-816, li fadal bilanċ ta' dejn fuqu mal-bank HSBC.*

"*Il-valur ta' dan it-trakk huwa fl-ammont ta' €9,433 (disat elef, erba' mija u tlieta u tletin Ewro).*

"*Illi in vista tal-pagamenti in eċċess li l-konvenuta għamlet fuq il-kontijiet tal-HSBC kif premess, ikun idoneju li r-rimanenti bilanċ pagabbli fuq it-trakk jiġi mħallas mill-attur, u l-attur jiġi assenjat il-vetturi Skoda Favorit Comfort targata AAM-076 u l-Vann Isuzu (Truck) targat BBP-816.*

"Madankollu s-self mal-HSBC (kont 35067515) li ħareġ l-attur qabel ma żżewweġ għandu jibqa' jħallsu hu.

"**ID-DAR MATRIMONJALI**

"Illi l-Qorti jkollha tgħid illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma tħossx li jeżistu l-estremi biex tordna lill-attur joħroġ mid-dar li hija fuq kollox proprjeta' tiegħu. Tifhem pero' l-problema li jkollha l-konvenuta biex issib post alternattiv fejn toqgħod iżda mhux il-kompitu tal-Qorti tara *oltre* l-kawża li jkollha quddiemha u tiddeċidiha skond il-provi li jkollha u skond il-liġi. Ma tistax lanqas *'ut sic'* tilqa' t-tmien talba tagħha għaliex ma hux provdut fil-liġi."

L-Appell.

*L-Ewwel Aggravju tal-Appell tal-Attur [Htija Separazzjoni]*

9. Dan hu fis-sens li ma rrizulta xejn fil-provi li seta' jigi attribwit lilu t-tort jew parti mit-tort ghas-separazzjoni. Huwa jichad l-akkuza ta' adulterju maghmula mill-konvenut ripetutament matul il-konvivenza matrimonjali u jghid li dak li fil-bidu kien suspett wassal sabiex il-konvenuta bdiet temmen li dak kien veru u li hu kellu relazzjoni adulteruza ma' mara ohra bl-isem ta' Chantelle Barbara. Inoltre, hija kienet tghawwi t-tfal, allura minorenni, kontra tieghu b'dik l-akkuza.

10. Faccjat b'dawn l-akkuzi u meta l-konvenuta urietu li ma kinitx qed tiehu pjacir bis-sitwazzjoni, huwa ma kienx mar izjed ghand Chantelle Barbara, tant li kien baqa' ma' thallasx tax-xoghol li kien ghamel lil din fid-dar taghha u lanqas kien mar ghall-ghodda li kien halla hemm.

11. Jissenjala li Chantelle Barbara kienet il-htija tat-tifrik taz-zwieg tieghu, mhux ghax hu kellu xi forma ta' relazzjoni jew kunfidenzi maghha imma ghax martu emmnitha, meta skond il-konvenuta, Chantelle kienet cemplitilha u qaltilha li hi kellha "relazzjoni sentimentali" ma zewgha. Jghid li l-konvenuta kienet lesta li temmen lil Chantelle izda mhux lilu anke meta, kemm huwa kif ukoll Chantelle, xehdu bil-gurament li dan ma kienx il-kaz u lanqas kellu kunfidenza zejda maghha; izda, "il-konvenuta baqghet bil-fellus f'rasha." Tant l-attur ma kellux x'jahbi li kien hu li laqqaghha ma' Chantelle meta ha lil martu biex tara x-xoghol li kien ghamlilha; haga, li l-attur jghid li kien jaghmel ta'

spiss. Huwa jichad li kien jaghti wicc lil Chantelle Barbara u jichad li kellu kunfidenzi zejda maghha.

12. Jsostni li dak li nqala' fir-rigward ta' Chantelle kien biss skuza sabiex il-konvenuta tiehu l-opportunita` li tissepara minn mieghu biex forsi tiehu xi haga tal-flus specjalment mill-bejgh tad-dar matrimonjali.

13. Huwa jispjega li l-inkwiet matrimonjali kien ghamel bih sewwa tant li kellu jiehu kura psikjatrika biex jaccetta s-sitwazzjoni li kien jinsab fiha.

14. Min-naha taghha l-konvenuta tghid li hi taqbel mal-ewwel Qorti li sabet htija fil-konfront tal-attur. Hija tirribatti dan l-aggravju tal-attur bil-mod segwenti:

> "L-ingurji gravi effettivament kienu jikkonsistu fi frekwenzi [recte: okkazzjonijiet frekwenti] li l-attur zamm ma' certu Chantelle Barbara wara li din kienet qabbditu jaghmlilha xi xoghol fi flat taghha f'Marsaxlokk f'Jannar tal-2006, u wara li spicca dan ix-xoghol, li kien ha tliet gimghat huwa xorta baqa' imur ghandha .
>
> Kienu anke izommu konverzazzjonijiet telefonici Ii t-tnejn fix-xiehda taghhom jikkonfermaw li gieli hadu siegha (Vide xiehda tal-attur in kontro-ezami fis-seduta tal-4 ta' Marzu, 2009, f'pagna 26 annessa mar-relazzjoni tal-Perit Legali Charmaine Cherrett u x-xiehda ta' Chantelle Barbara f'pagna 39 mar-relazzjoni)
>
> Dan il-kuntatt mal-imsemmija Chantelle Barbara, l-attur xorta zammu, nonostante li il-konvenuta kienet tghidlu biex jaqta' kompletament minn maghha, sabiex jigi salvat iz-zwieg.
>
> Ghalkemm mhux eskluz li kif qalet l-Ewwel Qorti kien hemm differenzi ta' karattru bejniethom, dak li wassal ghat-tifrik taz-zwieg kienu l-imsemmija ingurji ,li originaw unikament u esklussivament mill-attur. Dawn l-ingurji gravi kienu l-kagun uniku tas-separazzjoni u ma kienux" the straw which broke the camel's back". Is-separazzjoni ma kinitx ir-rizultat kumulattiv ta' xi differenzi fil-karattri flimkien mal-ingurji gravi, izda kienet biss ir-rizultat tal-ingurji gravi ta' din l-amicizia zejda u barra

minn lokha w ingustfikata li l-attur zamm ma' terza persuna u li kompla jzomm nonostante ix-xewqa gustissima tal-konvenuta li jaqta' kompletament minn ma' din it-terza persuna.

Il-konvenuta ma setghet taghmel xejn biex issalva iz-zwieg, ghaliex dak li ppproponietlu u cioe` li jaqta' kompletament u hi tkun lesta tilqghu lura bhala zewgha, kif anke suggerit lilu bl-ittra legali tal-15 ta' April, 2006 (Dok MMl ) ma immaterjalizzax. Minflok difen il-passat bl-istedina ta' martu li jharsu ‘l quddiem flimkien, sar aktar ostili lejha.

Umilment jinghad illi ma hemm ebda hjiel li t-tort tas-separazzjoni ma kinitx in parti ferm kbira tal-attur, kif gustament deciz mill-Ewwel Onorabbli Qorti u ghalhekk il-pretenzjoni li tort kien tal-konvenuta hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt.”

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

15. Din il-Qorti tibda billi issemmi is-segwenti principji guridici identifikati fil-gurisprudenza[2] nostrana.

16. Il-grad ta’ prova rikjest fil-kamp civili, b’differenza mill-kamp kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, hija dik li jkun hemm certezza morali f’mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f’kawzi civili hija l-effett tal-bilanc ta’ probabilitajiet. Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita` civili. *[PA Frank Giordmania Medici et vs William Rizzo u Gaetana Rizzo, deciz 28 ta' April, 2004].*

17. Illi l-konflitt fil-provi hu haga li l-qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet,

[2] Ara fost ohrajn *Q.App. Moviment Azzjoni Socjali vs Noel Borg, 18/7/2014*

fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. *[PA Farrugia vs Farrugia, deciz 24 ta' Novembru, 1966]*

18. Inoltre huwa ritenut li l-Qorti tal-Appell bhala qorti ta' rivizjoni ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim istanza, hlief meta tkun manifestament zbaljata jew ghax ikun hemm ragunijiet serji, jew li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha *[App.C. Emanuel Cardona et vs Dr.Graham Busuttil, deciz 10 ta' Jannar 1995].* Dan ma jsirx "sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja tal- apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ngustizzja manifesta" *[App.S. Paul Formosa v Salvu Deboni, deciz 5 ta' Ottubru 2001].* Ghalhekk dejjem jibqa' l-obbligu ta' din il-Qorti li tezamina l-atti kollha qabel ma' tasal ghall-konkluzjoni taghha.

19. Fl-ahhar hija opportuna l-osservazzjoni, li l-apprezzament tal-provi mhuwiex xi ezercizzju matematiku fis-sens li l-qorti gudikanti

ghandha bilfors taccetta versjoni jew ohra skond in-numru ta' xhieda li jsostnu tali verzjoni, izda ix-xhieda ta 'xhud wiehed, jekk emmnuta, tista' tkun bizzejjed sabiex l-ewwel Qorti isserrah il-konkluzjoni taghha fuq il-verzjoni moghtija minn dak ix-xhud; dan hu in linea mal-principju li x-xhieda, *ponderantur non nemunerantur*.

20. Fil-meritu din il-Qorti tosserva li hemm elementi ta' prova sufficjenti li abbazi taghhom l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment emmnet lill-konvenuta w accettat il-verzjoni taghha bhala veritiera, u dan minkejja li kien hemm xhieda kontrastanti li jaghtu verzjoni kuntrarja. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li, ghalkemm ma jirrizultax li r-relazzjoni bejn l-attur u Chantelle Barbara kienet wahda adulteruza, xorta wahda kienet tali li tidhol fit-termini ta' ingurja gravi a tenut tal-artikolu 40 tal-Kodici Civili, kommessa minnu fil-konfront ta' martu u li f' dan il-kaz kienet tali li taghti lok ghas-separazzjoni. Il-persistenza tal-attur li jkompli bil-hbiberija li hu kellu ma' Barbara, anke meta l-konvenuta kienet saret taf bil-hbiberija zejda li zewgha kellu ma' Barbara u kienet qaltlu li hi kienet ippreparata li tahfirlu basta jaqta' kuntatt minn maghha, ma thalli ebda dubju li l-hbiberija li l-attur kellu ma' Barbara kienet qawwija u tal-grad li kien jippreferi jara lill-martu imdejqa u frustrata bis-sitwazzjoni milli jaqta' l-hbiberija zejda li dan kellu barra z-zwieg. Ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti.

21. Inoltre, din il-Qorti tosserva li l-fatt wahdu li fir-rikors guramentat l-attur jakkuza lill-konvenuta martu b'adulterju meta ma gabx l-icken prova fir-rigward, huwa fih innifsu ingurjuz fil-konfront tal-konvenuta. Di fatti jinsab assodat fil-gurisprudenza nostrana illi meta wiehed mill-konjugi jakkuza, jallega, jew jaddebita relazzjonijiet extra-maritali, una volta imbaghad dawn ma jigux provati lanqas permezz ta' xi ndizji precizi u konkordanti, dan jikkostitwixxi fih innifsu ingurja gravi, li anke wahedha taghti lok ghas-separazzjoni *("Sarah Formosa -vs- Harry Formosa", Appell Civili, 6 ta' Gunju 1969; "Dr. Victor Randon -vs- Josephine Randon", Appell Civili, 19 ta' Novembru 1976; "Doris Mizzi -vs- Mario Mizzi", Appell, 19 ta' Mejju 2000).*[3]

22. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*Tieni Aggravju [Manteniment] tal-Attur u l-Appell Incidentali tal-Konvenuta*

23. Dawn iz-zewg aggravji huma konnessi in kwantu jincidu fuq xulxin u hemm konnessjoni bejn it-talba tal-attur ghar-riduzzjoni tal-manteniment u t-talba tal-konvenuta li din tigi awtorizzata tirrisjedi fid-dar matrimonjali sakemm l-attur ihallas is-somma ordnata mill-ewwel

[3] Ara wkoll *PA[PS] Marthese Vella vs George Vella, deciza 28 ta' Frar 2003*

Qorti, tenut kont tal-fatt li kif sostnut mill-attur dan mhux ser ikun fil-pozizzjoni finanzjarja li jhallas il-manteniment ordnat mill-ewwel Qorti.

24. Fis-succint it-tieni aggravju huwa fis-sens li l-attur mhuwiex fil-posizzjoni finanzjarja li jhallas il-manteniment ordnat mill-ewwel Qorti lill-konvenuta li skond hu, bil-beneficcju socjali li din tiehu, tippercepixxi introjtu aktar minnu. Barra minnhekk it-trawma tas-separazzjoni kellha effett negattiv fuq sahhtu, tant li eventwalment gie *boarded out* u li m'ghadux tajjeb biex jahdem skond kif iccertifika il-Psikjatra Vella Baldacchino.

25. Fid-dawl tal-premess iz-zieda fil-manteniment ghall-konvenuta, minn €100 ghal €250 fix-xahar, minhabba li wara s-sentenza l-konvenuta trid issib fejn toqghod, qatt ma messa' inghatat mill-ewwel Qorti. Huwa jkompli jispjega hekk dan l-aggravju:

> "Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet fil-fatt issospendiet l-ordni tal-manteniment proprju minhabba li kien xehed il-psikjatra Vella Baldacchino li iddikjara li l-esponent appellant ma ghadux tajjeb biex jahdem. Kwindi l-obbligu tal-manteniment lejn l-intimata ma ghandux ikun applikabbli billi tal-ewwel lok l-appellant ghandu biss introjtu mis-servizzi socjali kif fil-fatt ghandha l-intimata. L-obbligu tal-manteniment huwa naxxenti mill-mezzi finanzjarji ta' l-appellant u ghalhekk il-Qorti ma tistghax tpoggi lill-appellant f'qaghda finanzjarja aktar prekarja minn dik ta' l-appellata ghax bl-ordni tal-manteniment kif inghatat, l-appellata ser ikollha introjtu akbar minn dak ta' l-appellant.
>
> ……………………omissis ……………………
>
> "Illi wiehed irid jibda billi jispjega illi l-intimata qatt ma hadmet f'hajjitha ghajr xi ftit xhur fiz-zmien l-gherusija ma' l-esponent. Illi hija kienet dejjem mara tad-dar, bl-esponent jahdem ghal rasu fit-tibjid, u kien

dejjem jaghtiha kollox wara li jzomm xi haga hu ghalih, biex tqassam il-paga u jghaddu biha.

"Illi *pendente lite*, ghall-bidu l-intimata kienet tippercepixxi manteniment minghand zewgha sakemm dan kien qed jahdem. Din is-sitwazzjoni matrimonjali taghtu gewwa wisq lill-esponent, tant li marad psikologikament. Fil-fatt din l-Onorabbli Qorti kellha l-opportunita`, aktar minn darba sabiex tisma' lill-psikjatra Vella Baldacchino jixhed dwar il-kondizzjoni mentali ta' l-esponent u x'wassal ghall-mard psikologiku ta' l-esponent li ma hallewhx aktar tajjeb biex jahdem u ghadda mill-Bord Mediku. Kwindi ghal diversi snin, l-esponent waqa' fuq is-servizzi socjali u l-ghajnuna socjali.

"Illi billi l-partijiet kienu u ghadhom jghixu taht l-istess saqaf, il-flus illi l-esponent kien intitolat ghalihom bhala ghajnuna socjali, kienu jinqasmu awtomatikament, bl-intimata tippercepixxi aktar mill-esponent billi hija kellha digriet favur taghha dwar kura u kustodja tal-minuri, minkejja illi fil-verita din il-kura u kustodja kienet fil-prattika kongunta.

"Illi sal-lum l-esponent ma jiehux l-ghajnuna socjali li huwa intitolat ghaliha, imma jaqsamha ma' martu. Illi fl-eventwalita illi din l-Onorabbli Qorti tilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-perit legali rigward li l-intimata ghandha tizgombra il-fond matrimonjali li hu parafernali ta' l-esponent, l-intimata se jkollha l-ghajnuna socjali taghha f'kaz li tkun dikjarata li ddekadiet mid-dritt ta' manteniment.

"Illi l-esponent ghandu l-inqas rata tal-ghajnuna socjali. Martu l-intimata ser ikollha taghha. Jekk l-esponent ikun ordnat li jhallas xi manteniment a favur taghha, se jkun hemm zbilanc bejn il-partijiet billi b'hekk l-intimata ser ikollha l-ghajnuna socjali taghha, mizjud mal-manteniment. Ghalhekk l-esponent ma jaqbilx mar-rakkomandazzjoni tal-perit legali li jhallas lil martu manteniment ta' mitt ewro fix-xahar kif inhi bejn il-partijiet billi bhalissa is-sitwazzjoni hija differenti minn meta l-partijiet se jghixu separatament.

"Illi ta' min jinnota li dan il-manteniment huwa ghall-intimata u mhux ghat-tfal. Bhalissa hija tippercepixxi 250 euro beneficcji socjali filwaqt li l-esponent jippercepixxi 170 euro benefiji socjali fix-xahar u kwindi huwa impensabbli li jhallasha l-ammont ta' 100 euro fix-xahar ghaliha bhala manteniment. Illi ta' min jinnota li l-intimata taghmel ukoll xoghol ta' hasil ghand in-nies, liema xoghol ma huwiex dikjarat u kwindi apparti li kapaci tahdem, kapaci taqla' ukoll aktar mill-esponent.

……………………omissis ……………………

"Illi illum il-gurnata hemm kunsens bejn iz-zewg partijiet illi ghandhom jisseparaw minn xulxin. Minkejja illi ghadhom jghixu taht l-istess saqaf

> ghal dawn is-snin kollha, huma xorta ghexu hajja separata, jorqdu fi kmamar separati.[4]
>
> ……………………omissis ……………………
>
> "[Il-konvenuta] bdiet regim ta' hajja li ma kinitx, kif ghadha sal-lum, ma ssajjarx ghall-appellant, ma tahsillux hwejjeg, u ma thallihx juza oggetti li hija tixtri ghaliha u ghat-tfal inkluz ikel u sahansitra toilet paper. Tant hu hekk illi tul dawn il-proceduri kollha, l-appellant kien biss imur id-dar biex jorqod ghax kien ikollu imur jinhasel, jahsel hwejgu u jiekol ghand ommu. Baqa' id-dar ghax hija tieghu u biex ma jitlifx kuntatt mat-tfal."
>
> ……………………omissis ……………………

26. Abbazi tal-premess senjatament il-fatt li hu ma jahdimx u jghix fuq il-beneficcju socjali, isostni li l-konvenuta ma ghandha tinghata ebda manteniment ghaliha imma, tenut kont li s-separazzjoni personali ghandha tkun attribwit lilha, ghandu tkun dikjarat li ddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment minghand zewgha l-attur.

27. Min-naha taghha l-konvenuta fir-risposta taghha ma rribattietx ghal dan l-aggravju.

28. <u>L-Appell Incidentali</u> tal-konevenuta hu bazat fuq aggravju wiehed li hu fis-sens li l-ewwel Qorti, filwaqt li tat lill-attur dritt esklussiv ta' abitazzjoni fid-dar matrimonjali parafernali tal-attur, "ma stipulat ebda kundizzjonijiet jew termini fir-rigward ta' meta l-attur ikun jista' jesegwixxi dan id-dritt fil-konfront tali konvenuta."

[4] Sottolinear ta' din il-Qorti

29. Hija ssostni li l-htija tas-separazzjoni, attribwita mill-ewwel Qorti fil-porzjon ta' ¾ fuq l-attur u ¼ fuq il-konvenuta, tirrisjedi biss fuq l-attur meta dan ikkommetta ingurji gravi bil-hbiberija tieghu ma' Chantelle Barbara u li din ir-relazzjoni kienet il-veru u l-unika kawza tas-separazzjoni u li s-separazzjoni ma kinitx ir-rizultat kumulattiv ta' xi differenzi fil-karattri flimkien mal-ingurji gravi, izda kien dan il-fattur biss li wassal ghall-firda tal-partijiet. Hi tilmenta li d-decizjoni tal-ewwel Qorti li tiddikjara li l-attur huwa intitolat jghix esklussivament fid-dar matrimonjali minghajr kondizzjonijiet jew termini jfisser li l-attur jista' jizgombra lill-konvenuta meta jrid; b'hekk il-konvenuta, minhabba s-separazzjoni htija tal-attur, ghad li m'ghandha assolutament ebda mezzi biex tikri abitazzjoni ulterjuri billi l-ghajnuna socjali li tircievi iwassluha biss biex taqdi l-bzonnijiet tal-hajja ta' kuljum, tghix fil-perikolu li tispicca minghajr saqaf fuq rasha. Inoltre, tenut kont tal-allegazzjoni tal-attur li dan jghix bil-beneficcju socjali bl-ammont ta' €170 fix-xahar, hemm il-prospett li dan ma jkunx fil-posizzjoni li jhallas l-ammont ta' €250 akkordat lilha bhala manteniment mensili.

30. Ghalhekk il-konvenuta qed titlob li l-esekuzzjoni tad-dritt moghti fis-sentenza appellata lill-attur li jghix f'daru esklussivament, "*jinsorgi biss mal-mument li hu da parti tieghu ihallas lill-konvenuta il-kreditu dovut minnu ta' €42,349. Huwa biss proprju b'tali kapital f'idejha li zgur din tkun fil-pozizzjoni garantita li ssib fejn toqghod ghaliha u ghal*

*binhom minuri, kemm jekk tibda tikri jew jekk ghad li dan huwa dubitabbli b' tali mezzi, issib xi post zghir b'xiri*." Dan jirrizulta aktar manifest meta jigi ikkunsidrat li biex l-attur jkun fil-pozizzjoni li jissodisfa l-obbligu tieghu fil-konfront taghha li jhallas l-imsemmi kreditu, dan ikun jinnecessita' il-bejgh tal-fond tieghu, liema cirkostanza necessarjament tiehu certu tul ta' zmien u ghalhekk il-konvenuta ser tispicca minghajr saqaf fuq rasha sakemm l-attur ikun fil-pozizzjoni li jhallas l-ammont dovut lilha, *multo magis* jekk l-attur jirrifjuta li jbigh il-fond u l-konvenuta tkun kostretta li tibda proceduri ghal bejgh tieghu permezz tas-subbasta.

31. Ghaldaqstant il-konvenuta qed titlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi "*tiddikjara ulterjorment li tali dritt ikun ezegwibbli fil-konfront tal-[konvenuta] malli l-attur ihallas lill-[konvenuta] il-kreditu ta' €42,349 ordnat mill-ewwel Qorti*."

32. Min-naha tieghu l-attur jirribatti ghal dan l-aggravju billi, filwaqt li jichad li huwa ghandu xi htija ghas-separazzjoni, jghid li d-dritt tal-konvenuta li tibqa' fid-dar matrimonjali jiskatta hekk kif jinqata' dan l-appell. Ukoll, wiehed mill-elementi tas-separazzjoni personali hi li l-partijiet ma jibqghux jirrisjedu flimkien, u ghalhekk "*din il-Qorti ma tistax tiddikjara l-partijiet separati u timponi kundizzjoni kif mitluba fl-appell incidentali li thalli lill-partijiet jghixu taht l-istess saqaf meta l-fond hu parafernali tal-[attur]*."

33. Apparti minnhekk huwa jissenjala li kif sostnut minnu fl-appell tieghu l-ammont dovut lill-konvenuta ser jitnaqqas konsiderevolment billi hemm zbalji grossolani fir-rapport peritali.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

34. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni fattwali li f'dan il-kaz jirrizulta manifest li, ghalkemm l-ewwel Qorti attribwiet parti zghira mit-tort lill-konvenuta, il-htija ghas-separazzjoni tirrisjedi principalment, jekk mhux esklussivament, fuq l-attur li bir-relazzjoni li hu kellu u baqa' jzomm ma' Chantelle Barbara, wassal ghat-tifrik irrimedjabbli tar-relazzjoni matrimonjali. Ghalhekk hija fiergha s-sottomissjoni u l-pretensjoni tal-attur li ghandha tigi imposta fuq il-konvenuta is-sanzjoni ta' dekadenza mid-dritt taghha li tibqa' tircievi manteniment minghandu, u konsegwentement hija insostenibbli t-talba tieghu f'dan is-sens, liema talba tidher li hija motivata mill-fatt li jekk jigi deciz li martu ddekadiet minn dan id-dritt taghha hija tkompli taqa' fuq il-beneficcju socjali.

35. Fir-rigward il-Qorti tosserva li kif ammess mill-istess attur minkejja li l-partijiet "*ghadhom jghixu taht l-istess saqaf ghal dawn is-snin kollha, huma xorta ghexu hajja separata, jorqdu fi kmamar separati.*"[5] Fil-kaz odjern dan il-fatt pacifikament akkolt huwa sinifikanti tenut kont tal-fatt li,

[5] Supra

mill-provi jirrizulta li l-attur mhuwiex fil-pozizzjoni li jahdem u ghalhekk probabbilment il-hlas tal-manteniment da parti tieghu fl-ammont stabbilit mill-ewwel Qorti ma jkunx jista’ jigi effetwat jekk ma tinbighx id-dar matrimonjali liema fatt necessarjament jiehu perjodu ta’ zmien. Il-Qorti tosserva li dik il-parti tad-decide tas-sentenza appellata fejn mas-separazzjoni l-attur inghata id-dritt immedjat li jghix fil-fond parafernali tieghu esklussivament twassal ghas-sitwazzjoni ferm ingusta fejn il-vittma fis-separazzjoni tispicca bla saqaf fuq rasha u minghajr mezzi, filwaqt li l-konjugi li ta lok ghas-separazzjoni jispicca jithalla jghix wahdu komdu fid-dar li fiz-zwieg kienet isservi bhala d-dar matrimonjali minghajr ma jhallas il-manteniment ordnat mill-ewwel Qorti abbazi tal-impossibilita` li jezegwixxi din l-ordni.

36. Ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, minkejja li l-Qorti ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet, liema ordni tezenta lill-partijiet milli jkomplu jghixu il-hajja konjugali, sabiex il-konvenuta, vittma f’din is-separazzjoni, ma ssibx ruhha minghajr saqaf fuq rasha u minghajr mezzi adegwati biex issib fejn toqghod, flimkien mat-tielet wild tal-partijiet, u tenut kont li l-partijiet illhom jghixu ghal zmien twil separatament fid-dar matrimonjali, minghajr inkwiet serju, tikkunsidra gust li tippermetti lill-konvenuta tkompli tghix fil-fond in kwistjoni, flimkien mat-tifel, sakemm l-attur ihallasha l-ammont stabbilit bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. Min-naha l-ohra, sakemm tipperdura din is-

sitwazzjoni u anke wara, meta l-attrici titlaq mid-dar u tkun thallset is-somma hawn taht indikata, il-manteniment dovut mill-attur ghaliha jigi ridott ghas-somma ta' €100 kull erba' gimghat, liema manteniment ma jigix ridott anke jekk il-konvenuta issib xoghol part time biex tghin lilha infisha.

37. Fir-rigward tal-manteniment ghall-attrici din il-Qorti tissenjala li l-ammont qed jigi kalkolat *rebus sic stantibus* u huwa bbazat fuq il-kriterju ta' bzonn ta' min qed jircievi l-manteniment u tal-mezz ta' min hu obbligat li jhallsu.

38. Ghaldaqstant dawn iz-zewg aggravji huma gustifikati u qed jigu milqugha fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi.

*It-Tielet Aggravju [Komunjoni tal-Akkwisti]*

39. Bazikament il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attur fir-rigward hija li, ghajr ghat-tarag u ghall-kamra tal-banju li swew rispettivamnet LM850 u LM1,000, li tlestew wara z-zwieg, id-dar kienet lesta w abitabbli qabel iz-wieg. Huwa jispjega li qabel ma kien sar jaf lill-konvenuta f' Awissu 1986 huwa kien beda jibni d-dar u kellu l-ewwel sular lest ghajr ghas-saqaf u t-tarag li jaghti ghat-tieni sular. Sussegwentment meta beda r-relazzjoni mal-konvenuta huwa kien ha self minghand il-bank biex ilesti

s-saqaf tal-ewwel sular u t-tieni sular. Dan is-self kien ta' €5,000 u r-ripagamenti mensili kien hallashom hu, parti minnhom qabel iz-zwieg u l-kumplament baqa' jhallas hu wara z-zwieg.

40. Huwa jaghmel referenza ghall-iskrittura privata li kienet saret bejn il-partjiet fis-26 ta' Novembru 1986 qabel ma inbeda x-xoghol fit-tieni sular li permezz taghha il-partijiet, allura gharajjes, kienu obbligaw ruhhom li jhallsu sehem indaqs mill-ispiza sabiex titlesta din il-parti tal-fond. L-attur jghid li din ma kinitx skrittura dikjaratorja fis-sens li tikkostitwixxi prova li nofs l-ispiza saret mill-konvenuta, izda kienet skrittura obbligatorja li permezz taghha l-partijiet obbligaw ruhhom li jhallsu nofs l-ispiza u ghal kull pagament li jsir minn xi parti tinhareg ricevuta mill-parti l-ohra. Izda, l-attur isostni li, minkejja l-iskrittura, il-konvenuta ma kienet harget xejn ghall-ispiza involuta fil-kostruzzjoni tat-tieni sular u jissenjala li *"ma tezisti l-ebda prova, l-ebda ricevuta jew dokument ta' depozitu fil-bank li juri li l-intimata harget il-flus. Ohtha stess fix-xhieda taghha ammettiet illi l-intimata ma kinitx harget flus"*. L-attur jispjega li kienet din ir-raguni li hu kellu jiehu self bankarju fuq ismu sabiex ikopri din l-ispiza wahdu. Dan kollu sar qabel iz-zwieg.

41. Rigward l-istimi maghmula mill-Perit Godwin Abela, mahtur miz-zewg partijiet fl-istadju tal-medjazzjoni, l-attur jissenjala li dan ghamel stima tal-proprjeta` u tal-valur tax-xoghol u tal-materjal ta' kostruzzjoni

fir-rigward tad-dar kollha, inkluz dak li sar fl-ewwel sular li, kif jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet, dan [ghajr it-tarag u s-saqaf] kien sar mill-attur qabel ma kien iltaqa' mal-konvenuta. L-attur ikompli jispjega dwar *"l-ispiza tal-mano d'opera li x-xoghol kollu kien sar minnu, minn missieru u minn hutu"* u kienet biss il-faccata li saret minn haddiehor u li swietlu LM250. Ghalhekk ma kellu jigi attribwit ebda kumpens lill-konvenuta fir-rigward. L-attur ikompli jfisser hekk dan l-aggravju:

> "Jibqa biss l-argument dwar it-tieni sular. Il-Perit Arkitett Godwin Abela jistima li l- prezz tal-materjal uzat biex gie kostruwit it-tieni sular huwa dak ta' Lm6,750 jew Ewro 15,723. Il-perit jaghti ukoll stima tax-xogholijiet tad-dar kollha biex tlestiet u cioe` li jinkludi l-ewwel sular ukoll fit-total ta' Euro 42,395 u cioe` Lm18,200. Dan l- ammont jinkludi fih l-akbar spiza u cioe` dik ta' l-ewwel sular li fih jinkludi it-thaffir tal-pedamenti u s-sistemazzjoni u konnessjonijiet ta' l-ilma u drenagg u tqeghid ta' konkos.
>
> "Il-perit legali issemmi ukoll il-valur tal-mano d'opera u cioe Lm 11,440 jew Euro 26,648. Dawn kif diga inghad aktar 'l fuq ma jistghux jidhlu fl-ekwazzjoni billi ix-xoghol ghamlu kollu l-esponent jew membri tal-familja tieghu u l-intimata ma hallset xejn.
>
> "Apparti dawn l-istimi hemm dawk tat-tarag u tas-saqaf li fuqhom hemm qbil. It-tarag jinkludi il-kolonni u l-poggaman.
>
> "Madanakollu, il-perit legali taghmel fl-umli fehma ta' l-esponent zball billi ma tiftakarx illi l-esponent kien ha self mill-Bank ta' Lm5,000 cirka biex lesta it-tieni sular. Dan is-self intuza biex inxtara il-materjal kollu ta' l-ewwel [sic] sular u saru ukoll it-tarag u s-saqaf. Ghalhekk l-esponent ma jistax jifhem kif il-perit legali, qabdet il-valuri kollha, tad-dar intiera, tat-tieni sular u tal-mano d'opera, ghoddiethom flimkien, u tat lill-intimata nofs il-valur inkluz nofs il-valur ta' l- ispejjez tat-tarag u s-saqaf, meta dawn ta' l-ahhar u kif ukoll it-tieni sular kienu koperti mis-self illi l-esponent ghamel!
>
> "Il-perit legali tkompli issemmi li jridu jitnaqqsu Euro 506 rapprezentanti nofs l- ammont tas-self gravanti fuq id-dar matrimonjali. Kwindi aktar u aktar l-esponent ma jistax jifhem kif il-perit legali tat l-ammont ta' Euro 43,349 lill-intimata meta semmai ikun hekk, l-aktar li hija setghet tiehu huwa nofs l-ispejjez li saru biex inbena t-tieni sular u liema spejjez kienu koperti bis-self, u liema self beda jithallas mill-esponent wahdu

qabel iz-zwieg u tkompla jithallas fiz-zwieg. Kwindi l-aktar li ghandha dritt l-intimata huwa nofs is-self li thallas mid-data taz-zwieg sal-lum u mhux ammont li fih jinkludi l-valur ta' l-ispejjez ta' l-ewwel sular u l-mano d'opera illi kollha huma parafernali ta' l-esponent!!

“F'pagna 17 tas-seduti annessi mar-rapport l-esponent jaghti rendikont dettaljat hafna tax-xogholijiet li saru bis-self ta' Lm5,500 li kien biss 80% ta' l-ammont ta' flus li kellhom bzonn, bl-20% johroghom l-esponent.

“Irrizulta ukoll mill-provi u li l-perit legali ma dahlitx fil-kwistjoni ta' kontijiet bankarji li gew zvojtati waqt iz-zwieg u precizament meta beda l-inkwiet matrimonjali minn Martha Micallef u liema kontijiet, nofshom huma ta' l-esponent u ghalhekk ghandu dritt ghal-kumpens minn dawn il-kontijiet ukoll.

“Ma ssemmietx il-loan u overdraft li saru wara z-zwieg u li ghalhekk ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet u mhux jerfaghhom l-esponent. Illi in oltre hemm diskrepanza fil-flus li jircievu il-partijiet mill-Gvern. Il-flus li suppost jiehu [l-attur] qed jinqasmu awtomatikament mid-dipartiment tas-sigurta` socjali u qed jirrizulta illi l-intimata irceviet €74 kull erba' gimghat kif jirrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tad-dipartiment fl-atti tal-kawza u dan jaghti diskrepanza fl-ammont ta' flus li suppost ircieva l-esponent.

……………………omissis ……………………

“Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti illi segwiet l-interpretazzjoni fallaci u zbaljata tal-perit legali f’dak li ghandu x'jaqsam mal-qasma tal-komunjoni ta' l-akkwisti u senjatament x'kumpens l-appellata kellha dritt mid-dar matrimonjali.

“Illi gie stabbilit minghajr ebda dubju li d-dar matrimonjali tappartjeni esklussivament lill-appellant billi kien xtara l-art qabel ma kien iltaqa' ma' l-appellata. Illi sahansitra kien lesta minn kollox l-ewwel sular qabel ma iltaqa ma' l-appellata. Kwindi huwa car daqs il-kristall illi kwalsijasi spiza relatata mal-binja ta' l-ewwel sular kienet esklussivament a karigu ta' l- appellant u ghalhekk l-appellata ma ghandha ebda dritt ghall-kumpens mill-ispiza u l-valur tax-xoghol ta' l-ewwel sular, u ghalhekk l-appellant ma jistax jifhem kif il-Perit Legali w anki l-Qorti attribwew lill-appellata ghal nofs l-ispejjez iukorsi ghall-bini ta' l-ewwel sular ukoll fis-somma €42,349, li skond il-Perit tammonta ghal nofs l-ispiza biex inbniet id-dar matrimonjali kollha.

“Illi gie stabbilit ukoll li qabel iz-zwieg l-appellant kien lesta ukoll il-bini tat-tieni sular tad-dar matrimonjali. Id-dar kienet abitabbli u lesta minn kollox qabel ma l- partijiet izzewgu. Apparti zewg affarijiet u cioe tarag u kolonni, il-flus ghall-kumplament harighom esklussivament l-appellant u dan billi ha self minghand il-Lohombus biex jibni t-tieni sular. Il-mano d'opera kienet kollha f'idejh u fidejn missieru u hutu hlief ghall-faccata u

kwindi il-prezz tal-mano d'opera huwa inkluz fl-istima tal-Perit Abela, imma minkejja kollox il-Qorti xorta inkludiet dan il-prezz fl-ammont li tat lill-appellata.

“Illi semmai l-appellata ghandha dritt ghal xi spejjez li gew inkorsi, hija ghandha dritt nofs is-self li l-appellant ha biex xtara l-materjali ghat-tieni sular u li baqa jithallas matul il-kors taz-zwieg u mhux in-nofs tal-valur tad-dar illum jew nofs l- istima tal-prezz tax-xoghol u materjal biex inbniet meta din inbniet qabel iz-zwieg. Ta’ min jinnota ukoll li l-istima tal-Perit kienet kurrenti u cioe` ta' meta saret u mhux ta' meta fil-fatt inbniet id-dar f’liema zmien il-prezzijiet tal-materjal kien ferm inqas, tant li b'Lm5000 kien xtara l-materjal kollu.

“Illi in oltre, l-appellata ma gietx ordnata terfa’ ukoll il-piz tad-djun gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti fejn jidhol l-overdaft u l-pagament li l-appellant wahdu ghamel fuq id-dejn tad-dar matrimonjali. Illi ghalhekk l-appellata kellha ukoll thallas nofs id-dejn gravanti id-dar u anki l-overdraft.”

42. Il-konvenuta tirribatti ghal dan l-aggravju b’mod dettaljat. Hija taqbel li fil-mument li bdiet ir-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet l-istat tal-bini kien jikkonsisti fil-pedamenti u fl-ewwel sular u zewg parti kolonni u hnejjiet, eskluz is-saqaf u t-tarag jaghti ghat-tieni sular.

43. Rigward l-iskrittura privata fuq referita l-konvenuta tissenjala li kif hemm stipulat hi *“trid illi tikkontribwixxi sehemha mill-flus rekwiziti biex jitlesta t-tieni sular gebel u saqaf u biex jitkompla l-istess fond ghac-cavetta.”* Tissenjala wkoll li min-naha tieghu l-attur iddikjara illi l-konvenuta *“ged[6] tikkontribwixxi sehmha u cioe` nofs l-ispejjez involuti biex jinbena t-tieni sular [first floor] fid-dar fuq imsemmija u biex din titlesta ghac-cavetta.”* Tissenjala wkoll li l-partijiet qablu *“illi l-ammont illi Martha Vella [il-konvenuta] individwalment ser tikkontribwixxi ikun jista’ jigi finalment u esklussivament stipulat minn ricevuta li l-istess Micallef*

[6] Sottolinear tal-Qorti

*[l-attur] jaghti lil Martha Vella ghall-ammonti kollha li l-istess Vella tkun avvanzatlu biex jinbena u jitlesta il-fond imsemmi."*

44. Il-konvenuta tallega li wara li kienet saret din l-iskrittura il-partijiet kienu bdew jaghtu lil omm il-konvenuta LM40 fix-xahar kull wiehed, b'kollox LM80, sabiex din izzommhom kull meta tinqala' il-htiega ghall-ispejjez ta' xoghlijiet li kien ghad jonqos isiru, dawn jibdew jithallsu minn dawn il-fondi.

45. Dwar is-self bankarju ta' LM5,500 li l-attur kien ha fuq ismu fis-17 ta' Gunju 1988 u ir-ripagamenti kongunti, il-konvenuta tispjega li dan kien mehtieg peress li l-fondi li kienu qed jaghtu lil ommha ma kienux bizzejjed. Izda, minkejja li s-self kien fuq isem l-attur wahdu, ir-ripagamenti mensili ta' LM29 kienu bdew isiru mit-LM80 fuq indikati li l-partijiet kienu jghaddu lil omm il-konvenuta. Dawn ir-ripagament kienu komplew jithallsu regolarment wara z-zwieg bir-rata mibdula ta' LM31 fix-xahar.

46. Tghid li qabel iz-zwieg il-bilanc ta' LM51 li kien jibqa' mit-LM80 fix-xahar wara li kien jithallas ir-ripagament ta' LM29 kien jintnefaq fix-xoghlijiet li kienu qed isiru fil-fond qabel iz-zwieg. Tispjega fl-affidavit taghha li *"saz-zwieg minn dan is-self ta' LM5,500 infaqna fi spejjez ghad-dar LM4,000 u wara z-zwieg billi kien ghad jonqos aktar xi jsir fid-*

*dar infaqna il-kumplament ta' LM1,500"*[7]. Il-konvenuta issostni li ghar-ripagamenti u ghal hlas lura tas-self hija kienet ikkontribwiet sehemha ta' nofs regolarment mir-rata ta' Lm29. Fl-affidavit[8] taghha l-konvenuta elenkat lista tax-xoghlijiet saru bi spiza kongunta taz-zewg partijiet. Wara li d-dar kienet lesta ghall-abitazzjoni huma zzewgu u marru joqoghdu fiha.

47. Il-konvenuta tghid li wara li dahlu joqoghdu fid-dar kien hemm xoghlijiet[9] ta' "*kompletar tal-intern tad-dar kollha*" u li thallsu mill-bilanc tas-self ta' LM1,500, hlief ghal granit, u l-poggaman li thallsu mill-genituri tal-konvenuta.

48. Ghalhekk il-konvenuta tippretendi li hija kienet thallas l-ispejjez ta' nofs ix-xoghlijiet li saru fit-tieni sular kemm qabel iz-zwieg bil-flus li kienu jghaddu lill-ommha, kif ukoll fiz-zwieg bis-sahha tal-komunjoni tal-akkwisti.

49. Rigward l-istima tal-mano d'opera maghmula mill-Perit Abela dwar it-tieni sular, il-konvenuta tissenjala li, kif jirrizulta mix-xhieda ta' William Micallef, missier l-attur, ix-xoghol maghmul minn dan kien limitat ghat-tqeghid tal-gebel filwaqt li fi kliemu stess "*is-soqfa kien jaghmilhom haddiehor peress li jiena ma kellix l-armar*." Barra minn hekk il-

[7] Aff. Para.91
[8] Aff. Para.97
[9] Aff. Para.98

konvenuta tghid li skond ix-xhieda tal-istess William Micallef, l-attur "…*kellu jqabbad haddiema ohra ghat-tkomplija tax-xoghol ta' gewwa*." Fid-dawl ta' din il-prova il-konvenuta tghid li "*jista' jkun hemm htiega ta' revision downwards*" ossija tnaqqis mil-likwidazzjoni tal-[istima] ta' LM3,640.[10]

50. Rigward l-interpretazzjoni li l-attur qed jaghti lill-imsemmi skrittura li din kienet wahda obbligatorja u mhux dikjaratorja u li l-konvenuta ma ngabet l-ebda prova li hi hallset xi haga tax-xoghlijiet li kienu saru sussegwenti ghall-iskrittura, il-konvenuta tissenjala li dan mhu minnu xejn ghax kif jirrizulta mill-provi hija kienet thallas LM40 fix-xahar u tghaddihom lil ommha ghall-iskopijiet fuq indikati. Fir-risposta taghha l-konvenuta telenka l-provi fir-rigward li jsostnu t-tezi taghha. Dawn huma:

51. [1] ix-xhieda[11] taghha fejn tghid li kif jirrizulta mid-dokumenti tat-taxxa hija kellha qligh gross aktar milli kellu l-attur u allura kellha minn fejn thallas is-sehem taghha;

52. [2] ix-xhieda[12] in kontro-ezami fejn l-attur stess ammetta li kienu jghaddu lil omm-il konvenuta LM80 u kkonferma li dawn kienu jigu registrati f'notebook. Dak li m'hemmx qbil dwaru hu l-perjodu li matulu

[10] Rapport Peritali partita 3[a] fit-tieni faccata tal-istima [Dok.MM32]
[11] Aff. Para.88 u 89
[12] Seduta Peritali 18 ta' Settembru 2008

il-partijiet kienu jghaddu l-imsemmi ammont mensili lil ommha, ghax filwaqt li l-attur jghid li dan kien isir bejn Novembru 1986 meta saret l-iskrittura sa meta ha s-self bankarju f' Gunju 1988, il-konvenuta ssostni li hi kienet baqghet tikkontribwixxi sehemha ta' LM40 fix-xahar sa meta zzewgu f'Ottubru 1989. Il-konvenuta tissottometti li l-verzjoni taghha hija aktar plawsibbli u verosimili tenut kont li hi kienet baqghet tahdem sa Frar 1990, jigifieri sa tlett xhur wara z-zwieg tenut kont tal-fatt li sa dak iz-zmien hi kien ghad kellha l-introjtu taghha u ghalhekk kienet fil-pozizzjoni li thallas is-sehem taghha;

53. [3] ix-xhieda[13] tal-istess konvenuta li tghid li kull xahar hi kienet titlob lill-ommha Violet Vella LM30 mit-LM80 li kienu jaghtuha fix-xahar u tghaddihom lil Maria Dolores Micallef, omm l-attur sabiex din thallas ir-ripagament tas-self bankarju fil-bank vicin fejn toqghod; dan il-fatt jinsab korroborat mill-istess Maria Dolres Micallef fl-affidavit[14] taghha. Dan jinsab ukoll konfermat mir-ricevuti mmarkati dokument MM25 li huma l-ewwel depoziti ta ripagamenti mensili fis-sena 1988 wara li kienet saret l-iskrittura. Ukoll, id-dokument markat MM26 sa MM29 juri li d-depoziti komplew isiru kemm qabel kif ukoll wara iz-zwieg bl-istess rata ghal xi zmien. Il-konvenuta tissenjala li d-dokument MM29 juri li l-bilanc dovut lil Lohombus sa Settembru 1999 kien nizel ghal LM3,039.62 [mis-

[13] Aff. Para.92
[14] Aff. Para.9

somma mislufa ta' LM5,500] u billi r-ripagamenti baqghu jsiru sa ma' tlestiet ir-relazzjoni peritali l-bilanc nizel ghal €1,012.[15]

54. [4] ix-xhieda[16] ta' Violet Vella, omm il-konvenuta li tikkorrobora li kull parti kienet tghaddilha sehemha ta' LM10 fil-gimgha u kienu baqghu jghadduhomlha sa ma zzewgu f'Ottubru 1989. Din ix-xhud tghid ukoll li l-partijiet kienu inizzlu f' note book il-pagamenti ta' kull gimgha li kienu jghaddulha u li kienu jiffirmaw iz-zewg partijiet, u ghalkemm din ix-xhud tghid li n-note book kienet qattghetu billi serrhet rasha bl-iskrittura fuq riferita, l-attur stess jikkonferma l-ezistenza ta' dan in-note book. Din ix-xhud tikkonferma wkoll li, mis-somma mensili ta' LM80 fix-xahar il-partijiet kienu jhallsu LM29 lill-bank u l-kumplament kienu jonfquh fi spejjez ohra konnessi ma tkomplija tal-bini.

55. Rigward l-allegazzjoni tal-attur li oht il-konvenuta stess kienet ammettiet li l-konvenuta qatt ma harget flus, il-konvenuta tissenjala li dak li qalet ohtha Mary Grace Muscat[17] kien proprju l-maqlub, jigifieri li l-partijiet kienu "*ipoggu fuq il-mejda tal-kcina fil-kcina ghand ommi xi flus*". Din ix-xhud tkompli tispjega li dawn kienu flus li l-partijiet kienu qed igemmghu waqt li kienu gharajjes; tirriferi wkoll ghal note book zghir li kien jinzamm f' idejn ommha.

---

[15] Fol.40 tar-relazzjoni
[16] Aff. Para.7
[17] Aff.

56. Rigward il-kontribut tal-konvenuta ghall-ispejjez tax-xoghol li kien sar fit-tieni sular, din tghid li, salv ghat-tqeghid tal-gebel li kien isir minn missier l-attur, hi kienet ikkontribwiet ghall-hlas ta' xoghol u materjal relatat mal-kostruzzjoni tat-tarag fl-ewwel sular, is-saqaf tal-ewwel sular, it-tarag fit-tieni sular li jaghti sal-bejt, il-hitan divizorji kollha fit-tieni sular u l-faccata livell mat-tieni sular; kif ukoll ikkontribwiet mat-tlestija minn gewwa tad-dar intiera, kemm fit-tieni kif ukoll fl-ewwel sular.

57. Rigward ir-ripagamenti tas-self bankarju hi kkontribwiet nofs l-ammont mensili imhallas mis-26 ta' Novembru 1986, id-data tal-iskrittura sad-data ta' zwieg f'Ottubru 1989; kif ukoll nofs il-ripagament li saru wara z-zwieg sa Frar 1990 meta kienet waqfet tahdem, izda ghall-kumplament tar-ripagament dawn saru mill-flus tal-komunjoni tal-akkwisti.

58. Dwar l-istima jew stimi maghmula mill-Perit Godwin Abela il-konvenuta tissenjala li dan kien ghamel l-istimi ta' dak indikat mill-partijiet, inkluz li tigi stmata kemm tiswa' d-dar fuq is-suq hieles. Ghalkemm saret din l-istima, il-konvenuta mhija tippretendi ebda sehem mill-valur tad-dar, izda l-pretensjoni taghha hija limitata ghall-valur tal-materjal uzat u mill-valur tax-xoghol fil-kostruzzjoni taghha, eskluz l-ewwel sular.

59. Rigward l-istima ta' LM18,200 maghmula mill-imsemmi perit, il-konvenuta tissenjala li din ma tirreferix ghall-valur tax-xoghlijiet izda tirreferi biss ghall-valur tal-materjal uzat fit-tkomplija tax-xoghlijiet kollha tad-dar intier minn gewwa komprizi l-ewwel u t-tieni sular, li skond ir-relazzjoni jinkludi "it-tikhil, kisi, tibjid, dawl u ilma, drenagg, aperturi bibien u art….[18] Din l-ispiza kienet saret wara l-iskrittura ta' Novembru 1986, jigifieri meta kien tlesta l-ewwel sular minbarra s-saqaf. Dawn l-ispejjez saru bil-kontribut finanzjarju taghha ta' nofs l-ammont fuq indikat, jigifieri ta' LM9,300.

60. Il-konvenuta tissenjala dak osservat mill-perit legali li, dawn il-valuri ma gewx kontestati mill-partijiet u ghalhekk, ghandhom jitqiesu bhala korretti.[19]

61. Ferm il-premess, il-konvenuta tkompli tghid li, minkejja li ma sarux stimi dwar s-saqaf tal-ewwel sular u t-tarag li jaghti ghat-tieni sular, hija lesta taccetta l-istima maghmula mill-attur ta' LM850 u LM520 rispettivament, basta mill-ammont ta' LM850 jitnaqqas is-somma ta' LM330 bhala l-valur li tqis li kien jiswa' dan it-tarag; ukoll tindika figura ta' LM250 bhala l-ispiza tal-poggaman u resin/granit imhallsa mill-genituri tal-attur, b'kollox LM580 u maghdud ma' dan il-figura ta' LM240

[18] Dok.MM32
[19] Fol.40 - Relazzjoni

spejjez tal-kolonni, u ghalhekk hi tasal fir-rigward ghal figura globali ta' LM820 li n-nofs taghha, jigifieri LM410 [€955.30] huma dovuti lilha.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

62. Fis-succint l-ilment formanti l-bazi ta' dan l-aggravju jirrigwarda l-kumpens ta' €42,349 li l-attur gie ordnat li jhallas lill-konvenuta, rapprezentanti sehemha mill-ispejjez inkorsi sabiex tkompliet il-kostruzzjoni tat-tieni sular, inkluz is-saqaf tal-ewwel sular u t-tarag li jaghti ghat-tieni sular, kif ukoll l-ispejjez tax-xoghol li sar fuq gewwa fid-dar intiera, jigifieri kemm fl-ewwel sular kif ukoll fit-tieni sular. L-attur jippretendi li s-somma dovuta lill-konvenuta ghandha tkun anqas, kemm ghax jallega li mhux minnu li l-konvenuta kienet tohrog sehemha mill-ispejjez, tant li kellu jissellef €5,500 sabiex ikopri l-ispejjez, kif ukoll ghax il-perit inkarigat bonarjament miz-zewg partijiet ma tax kont tax-xoghol li kien sar mill-attur u minn missieru William Micallef sabiex tlesta t-tieni sular u tlesta wkoll ix-xoghol li sar fuq gewwa.

63. Min-naha taghha l-konvenuta ssostni li mhuwiex minnu li hi ma kinitx tikkontribwixxi sehemha mill-ispejjez u tghid li mid-data tal-iskrittura privata fuq indikata li saret bejn il-partijiet jirrizulta car li hi kienet obbligat ruhha li thallas s-sehem taghha, kemm tal-pagamenti tas-self bankarju, kif ukoll tax-xoghlijiet l-ohra li kienu jsiru. Hija

tissenjala l-elementi ta' prova li jsostnu t-tezi taghha. Hija pero` taccetta li missier l-attur ghamel xoghol fit-tieni sular konsistenti fit-tqeghid tal-gebel ghal liema xoghol ghalhekk ma kienux saru spejjez, salv ghall-prezz tal-materjal u ghalhekk taccetta li l-figura ta' LM3,640 ghandha tigi ridotta biex tirrifletti dan il-fatt provat.

64. Fl-ewwel lok din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li dak li qed jigi attakkat huwa l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti rigward dan l-aspett patrimonjali tas-separazzjoni u li waslet ghall-konkluzjoni li l-figura dovuta lill-konvenuta hija fl-ammont fuq indikat ta' €42,349. Din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni, wara li ezaminat il-provi akkwiziti, taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

65. [1] Rigward l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuta ma hargitx spejjez fit-tkomplija tal-kostruzzjoni tad-dar u fix-xoghol li kien sar fl-intern tad-dar, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li hemm provi bizzejjed sabiex tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, jigifieri li, minkejja li l-attur kien ha self bankarju ghat-tkomplija tax-xoghlijiet, hija kienet baqghet thallas nofs il-pagamenti mensili ta' dan is-self u fir-risposta taghha telenka l-provi mressqa minnha in sostenn tat-tezi taghha u li giet akkolta bhala veritiera mill-ewwel Qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, apparti mix-xhieda mressqa fir-rigward u l-prova li l-flus mahruga mill-partijiet ghar-ripagamenti tas-self, il-fatt wahdu li ftit xhur wara li l-

partijiet bdew johorgu flimkien f'Awissu 1986 huma ffirmaw skrittura privata f'Novembru tal-istess sena li permezz taghha hemm dikjarat li l-konvenuta "qed" tikkontribwixxi sehemha tal-ispejjez u obbligat ruhha li "ser" tkompli thallas nofs l-ispejjez inkorsi hija prova relevanti li turi li dina kienet lesta li tassumi dan l-obbligu, liema obbligu hija kienet fil-pozizzjoni li tissodisfa tenut kont tal-fatt li kienet tahdem b'impieg regolari li kien jippermettilha li thallas is-sehem taghha mill-ispejjez; maghdud ma' dan hemm ix-xhieda tal-istess attur li jammetti "*li kien hemm perijodu bejn id-data tal-iskrittura u d-data meta nharget il-loan li ahna konna nwarrbu ghaxar liri fil-gimgha kull wiehed. F'dan il-perjodu jiena u marti [allura gharusa tieghu] konna nwarrbu tmenin lira maltin [LM80] fix-xahar flimkien….dawn konna nghadduhom lil omm i-konvenuta u kellna wkoll notebook.*"[20] Inoltre, fl-affidavit taghha l-konvenuta taghti lista dettaljata tax-xoghlijiet li kienu saru u li hi kienet kkontribwiet ghal ispejjez taghhom, kemm dawk li saru qabel iz-zwieg kif ukoll dawk li saru waqt iz-zwieg.[21]

66. Rigward l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuta kienet waqfet thallas sehemha mill-ispejjez bir-rizultat li kellu jiehu self bankarju f'Ottubru 89 u li ghalhekk is-self bankarju kien sar fuq ismu biss, u inoltre ma giet prezentata ebda ricevuta dwar il-hlasijiet maghmula mill-konvenuta, din

---

[20] Vol.1 fol.390
[21] Aff. Vol.1 Foll.171 - 172

il-Qorti tikkunsidra opportun li ticcita l-brani relevanti mill-imsemmija skrittura:

> *"..[c] Illi l-komparenti Martha Vella trid illi tikontribwixxi sehemha mill-flus rekwiziti biex jitlesta it-tieni sular gebel u saqaf fl-istess dar u biex jitkompla l-fond ghac-cavetta.*
>
> *"Ghaldaqstant bis-sahha tal-prezenti Gaetano Micallef jiddikjara illi l-komparenti Marta Vella qed tikkontribwixxi sehemha u cioe` nofs l-ispejjez involuti biex jinbena t-tieni sular [first floor] fid-dar fuq imsemmija u biex din it-tlesta ghac-cavetta.*
>
> *"Il-partijiet jiftehmu illi l-ammont illi Martha Vella individwalment ser tikkontribwixxi jkun jista' jigi finalment u esklussivament stipulat minn ricevuta li l-istess Micallef jaghtiha lil Martha Vella ghall-ammonti kollha li l-istess Vella tkun avvanzatlu biex jinbena u jitlesta l-fond imsemmi."*[22]

67. Mill-premess jirrizulta li l-konvenuta kienet qed tikkontribwixxi sehemha tal-ispejjez u kienet ser tkompli taghmel hekk sakemm jitlesta l-fond. Jirrizulta wkoll li kellha tinhareg ricevuta wahda fl-ahhar li turi l-ammonti kollha mahrugin minnha. Din il-Qorti tosserva li ghalhekk dak li ftehmu l-partijiet mhuwiex li tinhareg ricevuta ghal kull ammont imhallas mill-konvenuta izda ricevuta wahda fl-ahhar tax-xoghlijiet. Fid-dawl ta' dan hija valida l-konsiderazzjoni li l-fatt li l-attur baqa' ma harigx tali ricevuta u l-fatt li ma jirrizultax li l-konvenuta dak iz-zmien ma kinitx insistiet fuq dan id-dritt taghha, ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li hi ma komplietx thallas sehemha tal-ispejjez. Ir-raguni ta' dan fuq bazi probabilita` kien il-fatt li huma kienu eventwalment izzewgu u ghal tul taz-zmien ma kienx hemm problemi fir-relazzjoni matrimonjali.

---

[22] Sottolinear ta' din il-Qorti

68. Rigward l-argument tal-attur li huwa kellu jiehu s-self ghax il-konvenuta ma baqghetx thallas is-sehem taghha mill-ispejjez, il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li dan gie michud mill-konvenuta, hija verosimili l-verzjoni tal-konvenuta korroborata minn ommha li, minkejja li z-zewg partijiet kienu qed ihallsu tax-xoghol li kien qed isir qabel ma ittiehed is-self, fil-kostruzzjoni w armar ta' dar generalment ikun hemm bzonn ta' hlasijiet sostanzjali ghal xoghol li jkun sar u li kellu jithallas minghajr dewmien. Fi kliem omm il-konvenuta *"… deher car li ma kienx ser ikun possibbli li jithallsu l-ispejjez li kienu bdew jaghmlu biex ikomplu d-dar, kien ovvju li kellhom bzonn jiehdu self biex hekk ikollhom somma tajba li biha ihallsu sabiex jibqghu ghaddejjin bix-xoghlijiet."*[23]

69. Rigward il-fatt li s-self kien sar fuq isem l-attur biss, mill-provi jirrizulta li dan kien sar hekk ghax hu kellu paga inqas minnha u ghalhekk kien intitolat ghal sussidju fuq l-imghax.[24]

70. Ghalhekk il-fatt li l-attur ha self bankarju, fin-nuqqas ta' provi li juru l-kuntrarju, ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li l-konvenuta ma kinitx baqghet thallas is-sehem taghha mill-ispejjez. Tenut kont ta' din il-konsiderazzjoni din il-Qorti tosserva li, fir-rigward, l-ewwel Qorti kellha elementi ta' prova sufficjenti sabiex ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li taghti affidament lill-verzjoni tal-konvenuta.

[23] Vol.1 fol.266
[24] Ibid.

71. Rigward l-ilment tal-attur li l-perit ma hax in konsiderazzjoni li xi xoghlijiet kienu diga` saru mill-attur qabel ma' iltaqa' mal-konvenuta, u li ghalhekk inkluda l-ispejjez relattivi ghal dan ix-xoghol fir-rapport tieghu, din il-Qorti tosserva li dan mhux minnu. Qari tar-rapport tal-perit juri li dan segwa l-istruzzjonijiet li tawh il-partijiet dwar dak li kellu jigi stmat. Di fatti l-istimi jikkoncernaw [1] il-valur tal-materjal uzat ghall-kostruzzjoni tal-gebel u saqaf mit-tieni sular 'il fuq, [2] il-valur tal-materjal uzat ghat-tkomplija tax-xoghlijiet kollha tad-dar fl-intier minn gewwa u, [3] il-valur tal-mano d'opera biex saru ix-xoghlijiet fuq indikati. Minn dan jirrizulta car li l-istimi maghmula mill-perit ma jinkludux ix-xoghlijiet li kienu diga' saru qabel ma' l-attur beda r-relazzjoni mal-konvenuta.

72. L-ewwel partita giet stmata fl-ammont ta' LM6,750 spejjez tal-materjal; it-tieni partita giet stmata fl-ammont ta' LM18,200 spejjez tal-materjal u t-tielet partita giet stmata fl-ammont ta' LM3,640 labour cost biex gie kostruwit it-tieni sular u fl-ammont ta' LM7,800 biex sar ix-xoghol minn gewwa d-dar kollha – b'kollox LM36,390 ekwivalenti ghal €84,788.7. Kif gustament sottomess mill-perit legali, ma' dan l-ammont ghandu jizdied l-ammont ta' €1,910 rapprezentanti spejjez tat-tarag u tal-poggaman li jwasslu ghall-ammont globali ta' €86,698 li minnu sehem il-konvenuta huwa ta' €43,349.

73. Din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward, li hu bazat fuq ir-rapport tal-perit fuq indikat, salv ghal dak li ser jinghad fil-paragrafu sussegwenti.

74. Kif jirrizulta mill-provi u wkoll accettat mill-konvenuta, l-istima tal-mano d'opera maghmula mill-perit legali ma tiehux konjizzjoni tal-fatt li, kif jirrizulta mix-xhieda ta' William Micallef, missier il-konvenut, dan kien ghamel ix-xoghol tat-tqeghid tal-gebel fit-tieni sular. Ghaldaqstant l-ammont ta' LM3,640 indikat mill-perit bhala stima tal-mano d'opera fil-kostruzzjoni tat-tieni sular, konsistenti fit-tqeghid tal-gebel, saqaf tal-konkos u l-kontrobejt, ghandu jigi ridott ghall-ammont stabbilit minn din il-Qorti arbitrio boni viri ta' LM2,000 ekwivalenti ghal €4,660 liema ammont ghandu jitnaqqas mill-ammont ta' €43,349 fuq indikat li jigi li allura l-konvenuta ghandha tiehu minghand l-attur is-somma ta' <u>€38,689.</u>

75. Dwar l-ilment tal-attur li jirrigwarda d-dejn gravanti d-dar, il-Qorti tosserva li din hi parafernali tal-attur u ghalhekk id-dejn huwa parafernali. Mill-provi jirrizulta li l-konvenuta kienet hallset sehemha mill-ispejjez involuti fil-kostruzzjoni u l-iffinixxjar tad-dar, kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara meta allura, minkejja li l-attur ghamel xi spejjez fir-rigward, kien dahal fis-sehh ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti u

ghalhekk dawn l-ispejjez saru mill-fondi tal-komunjoni. Ghaldaqstant dan l-ilment huwa fattwalment u legalment infondat.

76. Ghar-ragunijiet fuq indikati din il-Qorti tikkunsidra dan l-aggravju gustifikat fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi u qed tilqghu limitatament.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi dwar l-appell principali billi tilqghu limitatament u:

tirriduci l-ammont ta' €200 li l-attur gie ordnat ihallas lill-konvenuta bhala manteniment ghaliha ghall-ammont ta' €100 kull erba' gimghat;

tirriduci l-ammont ta' €42,349 indikat fil-parti operattiva tas-sentenza appellata ghall-ammont ta' tmienja u tletin elf, sitt mija u disa' u tmenin Euro [€38,689] li l-attur ghandu jhallas lill-konvenuta; tichad l-appell ghal bqija.

Tiddeciedi dwar l-appell incidentali billi tilqghu u tirriforma s-sentenza appellata billi tawtorizza lill-attrici tibqa' tirrisjedi flimkien mat-tifel fid-dar

matrimonjali sakemm l-attur ikun hallas lilha l-ammont fuq indikat ta' €38,689 kontra debita ricevuta u wara li dan isehh, jiskatta d-dritt tieghu li jghix fil-fond de quo ad eskluzjoni tal-konvenuta.

L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif decizi, filwaqt li l-ispejjez tal-appell principali ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet in kwantu ghal terz [1/3] mill-konvenuta u zewg terzi [2/3] mill-attur; l-ispejjez relattivi ghall-appell incidentali ghandhom jigu sopportati mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr